| | |
|---|---|
| Kwalità tal-ilma/Tixrid tnixxijiet fl-ambjent | In vista li l-pjan ta’ ġestjoni tal-iskart taż-żona se jintuża sabiex jiġi assigurat li l-unitajiet kollha jkollhom sistema siġillata ta’ drenaġġ biex ikun żgurat li l-ebda sustanzi kimiċi jew sustanzi perikolużi ma jkunu mitfugħin qabel ma jiġu trattati, il-proposta mhix mistennija li jkollha impatt sinifikanti fuq il-kwalità tal-ilma minn tixtrid u tnixxijiet fl-ambjent. Miżuri oħra ta’ tnaqqis jinkludu *spill kits*, art impermeabbli u faċilitajiet tal-ħasil tar-roti. |
| *Water quality/Spillages/ leaks into the environment* | *The proposal is not expected to have a significant impact on water quality through spillages and leaks into the environment in view that an area-wide waste management plan will be employed to ensure that all units have a sealed drainage system to ensure that no chemicals or hazardous substances are discharged without prior treatment. Other proposed mitigation measures include spill kits, impermeable ground and wheel washing facilities.* |

Minkejja dak li jissemma hawn fuq, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi żżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif ikun meħtieġ biex tinforma l-proċess tad-deċiżjoni.

L-24 ta’ Marzu, 2017

Notwithstanding the above, the Environment and Resources Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to inform the decision making process.

24thMarch, 2017

**Nru. 328**

**AWTORITÀ GĦALL-AMBJENT U R-RIŻORSI**

**Strument ta’ Delega skont id-Dispożizzjonijiet tal-Artiklu 9 tal-Att Dwar Il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kap. 549)**

L-AWTORITÀ Għall-Ambjent u r-Riżorsi qed tawtorizza l-uffiċjali hawn taħt imsemmija, taħt il-kundizzjonijiet li huma speċifikati kif ġej, biex jaġixxu f’isimha u f’isem id-Direttur tal-Ambjent:

1. Biex joħorġu permessi ta’ kunsinna skont il-provvedimenti u limtazzjonijiet tar-Regolamenti tal-2011 dwar l-Iskart (L.S. 549.63);

2. Biex joħorġu permessi skont il-provvedimenti u limitazzjonijiet tar-Regolamenti tal-2011 dwar l-Immaniġġar tal-Iskart (Vjaġġi ta’ Skart), (L.S 549.65);

3. Biex joħorġu permess ta’ skemi skont il-provvedimenti u limitazzjonijiet tas-segwenti:

Regolamenti tal-2014 dwar l-Immaniggjar tal-Iskart (Tagħmir Elettriku u Elettroniku) (L.S.549.89);

Regolamenti tal-2010 dwar Maniggjar ta’ Skart (Batteriji u Akkumulaturi) (L.S. 549.54); u

Regolamenti tal-2007 dwar l-Ippakjar u l-Iskart tal-Ippakjar fil-Maniġġar tal-Iskart (L.S. 549.43)

Is-Sa Aimée Brincat
Is-Sur Anthony Aquilina
Is-Sur Jonathan Henwood

L-24 ta’ Marzu, 2017

**No. 328**

**ENVIRONMENT AND RESOURCES AUTHORITY**

**Instrument of Delegation under the Provisions of Article 9 of the Environment Protection Act (Cap. 549)**

THE Environment and Resources Authority is hereby authorizing the following officers, under the conditions specified hereunder, to act on its behalf and on behalf of the Director of Environment:

1. To issue consignment permits under the provisions and limitations of the Waste Regulations, 2011 (S.L. 549.63);

2. To issue permits under the provisions and limitations of Waste Management (Shipments of Waste) Regulations, 2011 (S.L. 549.65);

3. To issue scheme permits under the provisions and limitations of the following:

Waste Management (Electrical and Electronic Equipment) Regulations, 2014 (S.L. 549.89);

Waste Management (Waste Batteries and Accumulators) Regulations, 2010 (S.L. 549.54); and

Waste Management (Packaging and Packaging Waste) Regulations, 2007 (S.L. 549.43)

Ms Aimée Brincat
Mr Anthony Aquilina
Mr Jonathan Henwood

24th March, 2017